



Kunsill Ewropew

Brussell, 26 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

EUCO 12/25

CO EUR 10
CONCL 4

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (26 ta' Ġunju 2025) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew jimmarka l-40 anniversarju mill-iffirmar tal-Ftehim ta' Schengen u jisħaq li ż-żona Schengen hija waħda mill-kisbiet fundamentali tal-Ewropa li tirfed il-libertà tal-moviment, issaħħaħ is-sigurtà, u trawwem il-ħajja transfruntiera u s-Suq Uniku.

Il-Kunsill Ewropew jiċċelebra tliet tapep importanti fl-istorja tal-Unjoni Ewropea bl-iffirmar minn Spanja u l-Portugall tat-Trattati tal-Adeżjoni tagħhom 40 sena ilu, l-adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja 30 sena ilu, u l-iffirmar tat-Trattati tal-Adeżjoni mill-Bulgarija u r-Rumanija 20 sena ilu. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza tat-tkabbir bħala investiment ġeostrateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità.

*

* *

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. It-test li jinsab fid-dokument EUCO 16/25 ġie appoġġat bis-sħiħ minn 26 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.
3. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

II. LVANT NOFSANI

4. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew indirizza s-sitwazzjoni u l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari s-sitwazzjoni umanitarja katastrofika f'Gaza u l-aħħar żviluppi rigward l-Iran.

5. Il-Kunsill Ewropew jappella għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gaza u għall-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha, li jwasslu għal tmiem permanenti tal-ostilitajiet. Huwa jiddeplora s-sitwazzjoni umanitarja mwiegħra f'Gaza, l-għadd inaċċettabbli ta' vittmi ċivili u l-livelli ta' tbatija minħabba l-ġuħ estrem. Il-Kunsill Ewropew jappella lil Iżrael ineħħi għalkollox l-imblokk tiegħu fuq Gaza, biex jippermetti aċċess immedjat u mingħajr xkiel u distribuzzjoni sostnuta tal-assistenza umanitarja fuq skala kbira lejn Gaza u madwarha u biex jippermetti lin-NU u l-aġenziji tagħha, u lill-organizzazzjonijiet umanitarji, jaħdmu b'mod indipendenti u imparzjali biex isalvaw il-ħajjiet u jnaqqsu t-tbatija. Iżrael għandu jikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali, fosthom id-dritt umanitarju internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza kbira li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha, inkluż tal-ħaddiema umanitarji, f'kull ħin, kif ukoll tal-infrastrutturi ċivili, inkluż faċilitajiet mediċi, skejjel u bini tan-NU. Huwa jiddeplora r-rifjut tal-Ħamas li jgħaddi lura l-ostaġġi li fadal. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tar-rapport dwar il-konformità ta' Iżrael mal-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael u jistieden lill-Kunsill ikompli d-diskussjonijiet dwar segwitu, kif adatt, f'Lulju 2025, b'kont meħud ta' kif tevolvi s-sitwazzjoni fuq il-post.
6. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-eskalazzjoni fix-Xatt tal-Punent, inkluż Ġerusalemm tal-Lvant, wara żieda fil-vjolenza tal-insedjamenti, l-espansjoni tal-insedjamenti illegali u l-operazzjoni militari ta' Iżrael. Huwa jtenni l-appell tiegħu lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq aktar miżuri restrittivi kontra l-insedjamenti estremisti u l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet li jappoġġawhom. Il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar ħidma fuq miżuri restrittivi kontra l-Ħamas.

7. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ għal paċi dejjiema u sostenibbli bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. L-Unjoni Ewropea hija lesta li tikkontribwixxi għall-isforzi kollha għal din is-soluzzjoni u tappella lill-partijiet kollha joqogħdu lura minn azzjonijiet li jdgħajfu l-vijabbiltà tagħha. Hija ser tkompli taħdem mas-sħab reġjonali u internazzjonali għal dak l-għan. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana u lill-aġenda ta' riforma tagħha. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'ħerqa l-Konferenza Internazzjonali ta' Livell Għoli li jmiss għas-Soluzzjoni Paċifika tal-Kwistjoni tal-Palestina u l-Implimentazzjoni tas-Soluzzjoni ta' Żewġ Stati.

Iran

8. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fil-Lvant Nofsani. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-waqfien tal-ostilitajiet u jhegġegħ lill-partijiet kollha jirrispettaw id-dritt internazzjonali, juru trażżin, u joqogħdu lura milli jieħdu azzjoni li tista' twassal għal eskalazzjoni għda. L-Unjoni Ewropea minn dejjem kienet ċara li l-Iran qatt ma għandu jitħalla jakkwista arma nukleari u li jrid jikkonforma mal-obbligi legalment vinkolanti tiegħu ta' salvagwardja nukleari skont it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tikkontribwixxi għall-isforzi diplomatiċi kollha biex jitnaqqsu t-tensjonijiet u biex tinstab soluzzjoni dejjiema għall-kwistjoni nukleari Iranjana, li tista' tinkiseb biss permezz ta' negozjati.

Sirja

9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tneħħija reċenti tas-sanzjonijiet ekonomiċi kontra s-Sirja, bħala parti mill-approċċ gradwali u reversibbli tal-Unjoni Ewropea. Huwa jfakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni paċifika u inklużiva fis-Sirja, ħielsa minn interferenza barranija dannuża, tal-protezzjoni tad-drittijiet tas-Sirjani minn kull sfond etniku u reliġjuż mingħajr diskriminazzjoni, u tal-ġustizzja tranżizzjonali u r-rikonċiljazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-attakk terroristiku reċenti fil-Knisja Mar Elias f'Damasku u jappella biex daww responsabbli jwieġbu għal għemilhom. L-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tas-Sirja fi ħdan fruntieri siguri għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ, f'konformità mad-dritt internazzjonali.

Libanu

10. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-poplu Libaniż u jilqa' l-isforzi tal-awtoritajiet il-ġodda biex jistabbilizzaw is-sitwazzjoni ekonomika u ta' sigurtà. Huwa jappoġġa s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istat Libaniż u jfakkar fir-rwol ta' stabbilizzazzjoni fundamentali tal-Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu (UNIFIL) fin-Nofsinhar tal-Libanu. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu lill-partijiet kollha biex jimplimentaw it-termini tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tas-27 ta' Novembru 2024 u għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

III. DIFIŻA U SIGURTÀ TAL-EWROPA

11. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew itenni li l-Ewropa trid issir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha għas-sigurtà Ewropea u dinjija f'ambjent li qed jinbidel jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, sabiex jilħaq l-oġettiv tiegħu li jżid il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa fil-ħames snin li ġejjin.
12. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà dinjija u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa', għal dawk l-Istati li huma membri tagħha, il-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom.

13. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li tkompli tiżdied b'mod sostanzjali n-nefqa fid-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa u li jsir investiment aħjar flimkien, filwaqt li jinnota wkoll l-impenn li sar fis-Summit tan-NATO ta' Ġunju 2025 mill-Istati Membri li huma wkoll membri tan-NATO. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom l-implimentazzjoni tal-impenji rilevanti. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Marzu 2025 dwar it-tkomplija tal-ħidma fuq l-għażliet ta' finanzjament rilevanti, il-Kunsill Ewropew eżamina l-ħidma li saret.
14. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) u l-attivazzjoni imminenti ta' klawżoli liberatorji nazzjonali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-koleġiżlaturi jeżaminaw malajr, bil-ħsieb ta' ftehim rapidu, il-proposta dwar l-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE u javvanzaw il-ħidma fuq il-proposta biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà u d-difiża fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jfakkar fil-bażi volontarja ta' kwalunkwe użu ta' dan it-tip ta' fondi. Huwa jfakkar fl-importanza li jiġi mobilizzat il-finanzjament privat għall-industrija tad-difiża, jilqa' l-isforzi tal-Bank Ewropew tal-Investiment f'dan ir-rigward, u jistiednu jkompli bl-isforzi biex jadatta l-prattiki tiegħu għas-self lill-industrija tad-difiża, b'mod partikolari billi jkompli jevalwa mill-ġdid il-lista ta' attivitajiet esklużi u billi jżid il-volum ta' finanzjament disponibbli fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, filwaqt li jiġu ssalvagwardati l-kapaċità operazzjonali u ta' finanzjament tiegħu.
15. Meta titqies l-urġenza li tissaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea madwar l-Unjoni sabiex tkun f'pożizzjoni li tipproduċi u tforni aħjar it-tagħmir fil-kwantitajiet u bil-pass aċċellerat meħtieġa, il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza tal-aggregazzjoni tad-domanda, l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti, l-istandardizzazzjoni u l-akkwist konġunt, kif ukoll il-funzjonament xieraq u aktar integrazzjoni tas-suq Ewropew għad-difiża mal-Unjoni kollha.

16. Il-ħidma fuq il-kapaċitajiet fl-oqsma ta' prijorità identifikati fil-livell tal-UE għandha tiġi aċċellerata, f'koerenza sħiħa man-NATO. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi l-iżvilupp rapidu u t-twettiq ta' proġetti kollaborattivi f'dak ir-rigward, inkluż billi jsir użu sħiħ mis-SAFE. B'mod partikolari, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma biex jiġu identifikati opportunitajiet konkreti u biex tiġi aggregata d-domanda fil-qafas tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. Huwa jissottolinja l-ħtieġa li l-Istati Membri jmxexxu 'l quddiem malajr il-ħidma, inkluż lejn l-eżekuzzjoni tal-aktar proġetti avvanzati fuq terminu qasir u t-tnedija ta' inizjattivi aktar fit-tul, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-faċilitaturi strateġiċi u l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' teknoloġiji ġodda.
17. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi aktar ħidma biex l-industrija tad-difiża Ewropea, inkluż l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, tkun tista' żżid il-produzzjoni. B'mod partikolari, wara l-qbil politiku li ntlaħaq fil-Kunsill dwar il-proposta tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP), il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-koleġiżlaturi jikkonkludu n-negozjati malajr. Huwa jħeġġiġhom ukoll javvanzaw malajr fuq il-proposti omnibus għall-prontezza tad-difiża.
18. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li d-difiża tal-fruntieri kollha tal-UE fuq l-art, tal-ajru u dawk marittimi, tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-Ewropa kollha kemm hi, b'mod partikolari fir-rigward tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE, meta jitqies it-theddid maħluq mir-Russja u l-Belarusja.
19. Barra minn hekk, meta jitqies it-theddid fuq il-bqija tal-fruntieri tal-UE, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tad-difiża tagħhom.
20. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jippreżentaw aktar proposti biex tissaħħaħ il-mobbiltà militari, biex b'hekk it-tagħmir u l-persunal tad-difiża jkunu jistgħu jiċċaqalqu b'mod effiċjenti madwar l-Unjoni.

21. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li ssir ħidma flimkien mas-sħab tal-istess fehma, li jikkondividu l-għanijiet tal-politika estera u ta' sigurtà tagħna. F'dak ir-rigward, huwa jilqa' s-Sħubijiet reċenti tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża mar-Renju Unit u l-Kanada.
22. Il-Kunsill Ewropew ser jirrieżamina l-progress fil-laqgħa tiegħu ta' Ottubru 2025 u jiddiskuti l-passi li jmiss fl-implimentazzjoni tal-oġettiv tiegħu ta' prontezza tad-difiża. Huwa jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jippreżentaw pjan direzzjonali għal dak l-għan.
23. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha, f'konformità mat-Trattati.

IV. L-UE FID-DINJA

24. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta t-tnejniet għas-summits li ġejjin ma' pajjiżi terzi u r-relazzjonijiet mas-sħab, fid-dawl tal-kuntest politiku u ekonomiku dinji attwali.

V. KOMPETITTIVITÀ

25. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar l-iżviluppi ekonomiċi. Huwa jissottolinja li t-titjib tal-kompetittività tal-Ewropa u l-integrazzjoni ulterjuri tas-Suq Uniku huma kruċjali biex isostnu l-prosperità u l-mudell soċjali tal-Ewropa, u ser jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-influwenza u l-pożizzjoni dinjija tal-UE bħala sieħeb prevedibbli, affidabbli u kredibbli, inkluż billi jissaħħa ir-rwol internazzjonali tal-euro.
26. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew jappella għat-tisħiħ ulterjuri tal-kompetittività tal-UE, inkluż permezz tal-innovazzjoni u l-promozzjoni tat-tmexxija teknoloġika Ewropea, speċjalment fit-teknoloġiji mill-aktar avvanzati, biex titnaqqas id-diskrepanza fil-produttività tal-UE, l-approfondiment tas-Suq Uniku u t-tisħiħ tal-bażi industrijali tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

27. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn għall-oġettivi tas-Suq Uniku u jtenni l-appelli tiegħu biex jitneħħew l-ostakli li fadal, b'mod partikolari fl-oqsma tas-servizzi u l-oġġetti, inkluż oġġetti essenzjali, biex tingħeleb il-frammentazzjoni, jiġu evitati ostakli ġodda u jittejbu l-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-"Istrateġija tal-Kummissjoni biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, koerenti u b'saħħtu" u l-"Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-Up" tagħha u jappella biex il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tibda malajr.
28. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-isfidi li jiffaċċaw l-industriji tradizzjonali, b'mod partikolari l-industriji tal-karozzi, tat-tbajhir, tal-avjazzjoni u dawk intensivi fl-enerġija, bħall-azzar u l-metalli u s-sustanzi kimiċi. Jissottolinja wkoll li l-SMEs ser jibqgħu ċentrali għan-nisġa ekonomika u soċjali tal-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza li jsir progress deċiżiv fir-rigward tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti.
29. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew, jekk ikun xieraq mal-Grupp tal-Euro, javvanzaw il-ħidma biex jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro, inkluż bħala munita ta' riżerva u munita ta' tranżazzjoni.

30. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja r-rwol ewlieni ta' aġenda ambizzjuża u mmexxija orizzontalment li tikkonċerna s-simplifikazzjoni u r-regolamentazzjoni aħjar fl-iżgurar tal-kompetittività tal-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza ta' approċċ ta' "sempliċità mit-tfassil". F'dan ir-rigward, huwa jfakkar fil-hteġa li jkomplu l-isforzi fil-livelli kollha – tal-UE, nazzjonali u reġjonali – biex jiġi żgurat qafas regolatorju ċar, sempliċi, intelliġenti u favur l-innovazzjoni u l-SMEs, mingħajr ma jiġu mminati l-prevedibbiltà, l-għanijiet tal-politika u l-istandards għoljin. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li ntlaħaq sa issa u jhegħgeġ lill-koleġiżlaturi jżommu l-momentum, bil-ħsieb li jaqblu malajr dwar il-pakketti ta' simplifikazzjoni ppreżentati mill-Kummissjoni. Huwa jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħti segwitu għal dan b'aktar inizjattivi. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda u l-introduzzjoni ta' piżijiet amministrattivi, matul il-proċessi leġiżlattivi u ta' implimentazzjoni.
31. Fid-dawl tal-instabbiltà dinjija u l-pressjoni fuq is-swieq tal-enerġija, u l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività tal-Ewropa, il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li tinbena Unjoni tal-Enerġija ġenwina qabel l-2030 b'suq tal-enerġija tal-UE għalkollox integrat u interkonness, li tiżgura s-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija kif ukoll is-sigurtà tal-provvista ta' enerġija affordabbli u nadifa għall-Istati Membri kollha, inkluż permezz ta' sistemi tal-enerġija robusti, affidabbli u siguri u żieda fil-produzzjoni tal-enerġija.
32. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza, għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa, li jitnaqqsu d-dipendenzi enerġetiċi, u jilqa' l-progress miksub mill-2022 'l hawn. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tas-sigurtà tal-provvista, l-affordabbiltà u ċ-ċertezza legali u li jiġi indirizzat it-tħassib tal-Istati Membri, fi spirtu ta' solidarjetà, inkluż bil-ħsieb li jiġu żgurati rotot ta' tranżitu tal-enerġija alternattivi ekonomikament vijabbli, b'mod partikolari b'kont meħud tal-ispeċifitàjiet tal-pajjiżi mingħajr kosta. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' dan it-tħassib, u jilqa' l-proċess maqbul bejn il-Kummissjoni u s-Slovakkja, filwaqt li jistieden lil Stati Membri oħra jappoġġaw l-oġettivi maqbula, kif rilevanti.

33. Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi abbażi ta' nota orizzontali.
34. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fatt li l-Bulgarija ssodisfat il-kriterji ta' konverġenza kollha kif stabbiliti fit-Trattat. Huwa jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li l-Bulgarija tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2026 u jistieden lill-Kunsill jadotta malajr il-proposti rilevanti tal-Kummissjoni.
35. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kompetittività u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali f'Ottubru 2025 biex jivvaluta l-progress u jipprovdi aktar gwida.

VI. MIGRAZZJONI

36. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tagħhom, inkluż fil-kuntest tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni, u jħeġġeġ ħidma aktar intensiva b'mod partikolari fuq: id-dimensjoni esterna, prinċipalment permezz ta' sħubijiet komprensivi; l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni adottata tal-UE u l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti; il-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u l-ġlieda kontriha, inkluż permezz ta' modi ġodda f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali; sforzi biex jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni, bl-użu tal-politiki, l-istrumenti u l-ġhodod rilevanti kollha tal-UE; il-kunċetti tal-pajjiżi terzi sikuri u l-pajjiżi ta' orijini sikuri; il-ġlieda kontra l-istrumentalizzazzjoni, it-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin; l-allinjament tal-politika dwar il-viżi mill-pajjiżi ġirien; kif ukoll il-perkorsi sikuri u legali f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fid-determinazzjoni tal-UE li ssaħħaħ is-sigurtà fil-fruntieri esterni tagħha u tiżgura l-kontroll effettiv tagħhom, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.
37. B'mod partikolari, jistieden lill-koleġislaturi jkomplu jeżaminaw il-proposti leġislattivi reċenti tal-Kummissjoni. Huwa jieħu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar ir-ritorni, dwar l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' orijini sikuri fil-livell tal-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiżi terzi sikuri.

VII. REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

38. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-ewwel Summit bejn il-Moldova u l-UE li ser isir fl-4 ta' Lulju 2025 u jtenni l-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għas-sovranità, l-integrità territorjali, ir-reżiljenza u l-iżvilupp ekonomiku tar-Repubblika tal-Moldova. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mar-Repubblika tal-Moldova biex issaħħaħ ir-reżiljenza u l-istabbiltà tal-pajjiż fid-dawl ta' attivitajiet destabbilizzanti persistenti mir-Russja, inkluż attakki ibridi, bl-għan li jdgħajfu l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż.
39. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ kostanti tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika tal-Moldova fi triqitha għall-adeżjoni. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar lir-Repubblika tal-Moldova għall-pass li ħadet rigward ir-riformi tagħha relatati mal-adeżjoni, jilqa' l-progress sinifikanti miksub, u jħeġġeġ lir-Repubblika tal-Moldova u lill-Kummissjoni jintensifikaw il-ħidma fil-proċess ta' adeżjoni. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jieħu l-passi li jmiss fil-proċess tal-adeżjoni f'konformità mal-approċċ meritokratiku, sabiex jinfetħu għabriet ladarba jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet. Huwa jieħu nota sew tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-għabra tal-elementi fundamentali hija lesta li tinfetħ.

VIII. BALKANI TAL-PUNENT

40. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni fil-Balkani tal-Punent u fakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Balkani tal-Punent u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħhom fil-mixjiet tagħhom lejn is-sħubija fl-UE. Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat li javvanza l-integrazzjoni gradwali bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjun matul il-proċess ta' tkabbir innifsu b'mod reversibbli u meritokratiku. Il-futur tal-Balkani tal-Punent huwa fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

IX. SIGURTÀ INTERNA

41. Il-kriminalità serja u organizzata, u t-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kemm online kif ukoll offline, jirrappreżentaw theddida kbira għaċ-ċittadini Ewropej u għas-sigurtà tal-Istati Membri.
42. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-infiltrazzjoni kriminali tal-istrutturi legali tan-negozju għandha impatt detrimentali fuq il-finanzi pubbliċi u s-Suq Uniku kollu kemm hu.
43. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jimmobilizzaw l-oqsma ta' politika rilevanti kollha fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, u jużaw bis-sħiħ l-istrumenti eżistenti kollha biex jiġġieldu dawn il-fenomeni.
44. Wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-komunikazzjoni tagħha dwar l-iżvilupp ta' Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna u l-gwida pprovduta fil-Kunsill, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni ulterjuri fejn meħtiegħ, b'mod partikolari billi jtejbu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar l-aċċess effettiv għad-data għall-fini tal-infurzar tal-liġi, u billi jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni u permezz tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

X. PREPARATEZZA

45. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli dwar Strateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza. Huwa jafferma mill-ġdid l-importanza u l-urġenza ta' din il-kwistjoni u jħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu r-reżiljenza, il-preparatezza u l-kapaċità ta' prevenzjoni u rispons għall-kriżijiet tagħhom b'mod koerenti, b'approċċ li jkopri l-perikli kollha u min-naħa tas-soċjetà kollha, b'kont meħud tax-xenarju tar-riskju u tat-theddid li qed jevolvu. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jkomplu jaħdmu fuq il-kontribut tal-politiki tal-UE għar-reżiljenza u l-preparatezza fl-oqsma rilevanti, inkluż ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, filwaqt li jirrispettaw ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-Istati Membri. Huwa jfakkar fl-ispeċifikitajiet ta' tipi differenti ta' kriżijiet u r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri fil-ġestjoni ta' dawk il-kriżijiet. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jipprovdi gwida lill-Kummissjoni biex tikkunsidra titjib fl-appoġġ ipprovdut mill-Unjoni Ewropea lill-Istati Membri fil-protezzjoni ċivili, kif ukoll f'oqsma ta' politika rilevanti oħra fejn l-appoġġ tal-UE jipprovdi valur miżjud ċar. Huwa jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jirrapportaw lura regolarment dwar il-progress.

XI. ATTIVITAJIET IBRIDI

46. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa t-tipi kollha ta' attivitajiet ibridi kontra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kif ukoll kontra s-sħab tagħha. Hija tikkundanna b'mod partikolari l-kampanja ibrida li għadha għaddejja mir-Russja, inkluż is-sabotaġġ, it-tfixkil tal-infrastruttura kritika, l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza, u t-tentattivi biex tiddgħajjef id-demokrazija, inkluż fil-proċess elettorali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni ta' elenkar addizzjonali skont il-qafas għal miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja, u l-ambitu mwessa' ta' dan ir-reġim. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser ikomplu jsaħħu r-reżiljenza tagħhom u jużaw bis-sħiħ il-mezzi kollha disponibbli, inkluż is-sett ta' għodod tal-UE kontra theddid ibridu, biex speċifikament jipprevjenu u jiskoraġġixxu l-attivitajiet ibridi tar-Russja u jirreaġixxu għalihom.

XII. PUNTI OĦRA

Il-Baħar l-Iswed

47. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza tas-sigurtà u l-istabbiltà fil-Baħar l-Iswed u jilqa' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed. Il-Kunsill Ewropew, f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tiegħu, jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jmexxu l-ħidma 'l quddiem malajr.

Ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli

48. Fl-okkażjoni tat-80 anniversarju mill-iffirmar tal-Karta tan-NU, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea għal multilateraliżmu effettiv u għall-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha, kif ukoll l-appoġġ tagħha għall-istituzzjonijiet li jirrispettaw id-dritt internazzjonali, inkluż billi tiproteġi b'mod effettiv il-qrati internazzjonali u l-uffiċjali tagħhom.

Aġenda dinjija

49. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tal-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani, li saret Nizza mid-9 sat-13 ta' Ġunju 2025. Wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' Patt Ewropew għall-Oċeani, huwa jistieden lill-Kunsill imexxi 'l quddiem il-ħidma.
50. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa r-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, li ser issir Sivilja mit-30 ta' Ġunju sat-3 ta' Lulju 2025, li ser tkun pass importanti biex jiġi stabbilit qafas dinji mġedded ta' finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli.

51. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżiti tas-Summit ta' Livell Għoli tal-Gavi b'Appell għal Wegħdiet ta' Donazzjonijiet li sar fil-25 ta' Ġunju 2025 u jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tavvanza s-sigurtà tas-saħħa dinjija, sabiex jissaħħu l-preparatezza, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza kollettivi tagħna għal theddid futur għas-saħħa. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem lejn sistema tas-saħħa dinjija aktar effettiva, koordinata u reżiljenti.

Relazzjonijiet esterni

52. Il-Kunsill Ewropew indirizza s-sitwazzjoni inkwetanti fil-Libja, u l-konsegwenzi possibbli tagħha anke f'termini tas-sigurtà Ewropea, kif ukoll fir-rigward tal-flussi ta' migrazzjoni. Huwa jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għal-Libja u l-Missjoni ta' Appoġġ tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libja fl-avvanz tar-rikonċiljazzjoni nazzjonali, l-unità istituzzjonali, u djalogu trasparenti u inklużiv ankrat f'appartenenza u kunsens Libjani. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-Memorandum ta' Qbil bejn it-Turkija u l-Libja dwar id-delimitazzjoni tal-ġurisdizzjonijiet marittimi fil-Baħar Mediterran jikser id-drittijiet sovrani ta' Stati terzi, ma jikkonformax mal-Liġi tal-Baħar u ma jista' jipproduċi l-ebda konsegwenza legali għal Stati terzi.
53. Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-Sahel. Is-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tiddeterjora tibqa' sors ta' tħassib. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-istabbiltà tas-Sahel u r-reġjun usa', inkluż l-istati kostali ġirien, hija kruċjali għas-sigurtà u l-prosperità tal-persuni li jgħixu fis-Sahel kif ukoll għall-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma li għaddejja, inkluż mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE, dwar approċċ imġedded biex jissaħħa il-kontribut tal-UE f'dan ir-rigward.